Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Chris Pullicino]

[Spettur Sylvana Briffa]

vs

-omissis-

Lineker David Micallef

-omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 613/16

Illum, 22 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -omissis-, Lineker David Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 196887M u -omissis- akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe`;

Talli nhar it-12 ta' Awissu 2013 ghall-habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' Thomas Mifsud u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer f'diversi okkazjonijiet differenti, ikkommettew serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' diversi nies mhux maghrufa;

U aktar talli nhar it-12 t'Awissu 2013 ghall-habta ta' l-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, f'dawn il-gzejjer, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi

taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil Thomas Mifsud kontra l-volonta` tieghu;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer, f'okkazjonijiet differenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil diversi persuni kontra l-volonta` taghhom meta ppuntawlhom strument li jaqta' u bil-ponta waqt serq aggravat minn fuq l-istess persuni li l-identita` taghhom ghadha mhux maghrufa;

Lil -omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

Lil -omissis- wahidha talli;

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

Lil Lineker David Micallef wahdu talli:

Nhar it-12 t'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Shanelle Farrugia u Thomas Mifsud billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-konfront ta' -omissis-

Semghet il-provi;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u zamm ferm l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat il-Pre Sentencing Report tal-Probation Officer Maria Mifsud datat 26 ta' April 2021.

Il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-Probation Officer Maria Mifsud u gialadarba l-imputat ghamel passi kbar f'hajtu biex jeghleb il-vizzju tad-droga u jsib xoghol stabbli mhix ser timponi piena ta' prigunerija u wisq anqas ma hijiex ser timponi l-effetti tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49, 289, 262(1), 270, 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat Lineker David Micallef hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin. Liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna li l-imputat Lineker David Micallef ihallas l-ispejjez peritali ammontati ghal sitta u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€96.83c).

**----------------------------------------**
**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**